# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 11**

**Rikors numru 183/17**

**Wara d-decizjoni tal-Kunsill Mediku tad-19 ta' April 2017, bir-referenza CC16/2016 fl-ismijiet:**

**Dr Fazal Hussain**

**v.**

**Kunsill Mediku**

**Il-Qorti:**

Rat li dan l-appell gie mressaq fl-4 ta' Mejju, 2017, mir-rikorrent Dr Fazal Hussain, wara decizjoni datata 19 ta' April, 2017, moghtija mill-Kunsill Mediku ta' Malta (minn hawn 'il quddiem imsejjah il-Kunsill appellat), fil-kaz li jgib referenza CC16/2016. Din id-decizjoni nghatat wara ittra mibghuta mill-Kumitat ghall-Approvazzjoni ta' Specjalisti lill-istess Kunsill appellat, fejn gie nfurmat li r-registrazzjoni tar-rikorrent mal-

*General Medical Council*, tar-Renju Unit kienet giet imhassra f'Gunju, 2013.

In vista tal-istess ittra, il-Kunsill appellat, wara li vverifika l-applikazzjoni originali maghmula mill-appellant Dr F. Hussain sabiex jigi nkluz fir-registru principali ta' Malta, irrizultalu li kien issottometta c-certifikat imsejjah *Certificate of Good Standing*, datat 5 ta' Gunju, 2015, mill-*General Medical Council* fir-Renju Unit, li minnu rrizulta li tabilhaqq isem l-appellant kien imhassar mir-registru f'Gunju, 2013. Konsegwentement, il-Kunsill appellat qies li l-kaz kien jimmerita li ssir investigazzjoni. Kien ghalhekk li b'ezercizzju tal-poteri tieghu a tenur tal-Artikoli 31 u 35 tal Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta (L-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha), il-Kunsill appellat ordna li ssir inkjesta, sabiex jigi determinat:

> *"Whether you have acted in a manner contrary to the professional and ethical standards expected from a person exercising your profession and this in violation of Article 4 (d) of Subsidiary Legislation 464.17 (Ethics of the Medical Profession) which includes amongst those offences which may warrant erasure from the register or other disciplinary action – 'forgery, fraud, embezzlement and cognate offences'; Article 17 of the afore-mentioned Subsidiary Legislation 464.17 which stipulates – "Any practitioner who signs and issues any certificate, report or other document containing statements which he knows, or ought to know, to be untrue, misleading or otherwise improper, shall be liable to have his name erased from the register"; and also Article 5 of Schedule A (Subsidiary Legislation 464.17) which provides that "a doctor shall by his conduct and in all matters set a high standard".*
>
> *You are therefore hereby accused of having in some manner failed to adhere to the professional and ethical standards applicable by virtue of Article 32 (1) (b) and/or (1) (c) of the Health Care Professions Act (Chapter 464 of the Laws of Malta)."*

Id-decizjoni tal-Kunsill appellat, datata 19 ta' April, 2017, kienet wahda fejn il-Kunsill appellat, wara li kkunsidra l-fatti kollha tal-kaz, iddecieda l-kaz billi sab lill-appellant hati, tal-akkuzi kollha maghmula fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 32(1)(i) tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta ordna li ismu jigi kkancellat mir-Registru Mediku, kif ukoll irrakomanda lill-President ta' Malta li l-licenzja ta' dak il-professjonist tigi rtirata.

Il-Kunsill appellat ta d-decizjoni tieghu wara li ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "1. From the acts it results that notwithstanding that the relevant documentation was at the disposal of the MCM Special Licensing Committee, the three members of Special Licensing Committee failed to take note that the Certificate of Good Standing which was produced, noted that the defendant had been erased from the GMC Register. This matter is of concern and merits a revision to the checks and balances and the system which was adopted by the Speacial Licensing Committee at the time when the application submitted was reviewed.
>
> "2. What had to be examined in this case is not whether during the time that Dr F. Hussain was exercising the profession in Malta there were any issue to his clinical practice. No complaints were raised against the practitioner and Dr F. Hussain also produced a positive recommendation by his employer[1].What needs to be determined in whether Dr F. Hussain had *a priori* the requirements to enter into the Maltese Principal Register ie had the SLC not overseen the **content** of the Certificate of Good Standing ie that the practioner was erased, would he have been eligibleto be included in the register.
>
> "3. Section d(i) of the Seventh Schedule of the HCPA 2003, Chap. 464 states that:
>
>> ""d)(i) where the relevant Council requires of persons wishing to take up a regulated profession proof that they are of good character or repute or that they have been declared bankrupt, or suspends or

[1] Dr Peter Ferry, Live Life, letter dated 20th August 2016, Robert Grech, Rehabilitation Centre Manager, Livelife, 19th August 2016

> prohibits the pursuit of that profession in the event of serious professional misconduct or a criminal offence, that Council shall accept as sufficient evidence, in respect of nationals of Member States wishing to pursue that profession in its territory, the production of documents issued by competent authorities in the home Member State or the Member State from which the foreign national comes, **showing that those requirements are met**. Those authorities must provide the documents required within a period of two months."

"The purpose of the requirement of the Certificate of Good Standing is to attest that there are no issues which limit the exercise of the profession in the jurisdiction where the person was supposedly exercising regularly the profession. It is not the production of the certificate *per se* that renders the application to the MCM complete but it is the attestation that the practitioner is duly registered in another EU jurisdiction that renders the registration of the said practitioner in Malta, on the basis of his registration in another EU country possible. In this case the practitioner was not registered at the time of the application in another EU Country and hence under normal circumstances he could not be registered in Malta.

"4. It is not the competence of the MCM to review decisions taken by another regulatory body. Defendant had defended his position in the UK and had the opportunity to take the remedies that were available to him at law to revoke the decision taken by the Fitness to Practice Tribunal.

"5. In the original signed application form named "Application form for registration with the Medical Council of Malta" received on the 20th May 2015, the Certificate of Good Standing issued by the GMC was not included. The Certificate of Good Standing was received at a later stage by the MCM. Dr F. Hussain left completely blank the section of the application form entitled "Registration Status" and hence he failed to declare details of his previous registrations with other competent authorities. The MCM considers that Dr F. Hussain has mislead the MCM in his original application form. He was aware that the Certificate of Good Standing, though authentic, did not satisfy the requirement necessary for registration in Malta."

Ir-rikorrent appellant qieghed iressaq numru ta' aggravji fl-appell tieghu kontra d-decizjoni mehuda mill-Kunsill appellat senjatament illi: (i) il-Kunsill appellat ma setax juza' l-proceduri odjerni biex jirrevedi decizjoni tieghu stess u jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tal-*Licensing Committee;* (ii) ma tezisti ebda prova li setghet twassal il-Kunsill appellat ghas-

sejbien ta' htija; (iii) il-Kunsill ghamel interpretazzjoni hazina tar-regolamenti inkwantu dawn jirregolaw l-imgieba tal-ezercitant mediku fil-konfront tal-pazjenti tieghu; (iv) il-Kunsill appellat fid-decizjoni tieghu njora l-fatt li l-parti li l-appellant ma meliex fl-applikazzjoni tieghu kienet kjarament indikata bhala *optional*; (v) fil-konsiderazzjonijiet tieghu, il-Kunsill ghamel interpretazzjoni hazina tal-paragrafu (d) tas-Seba' Skeda tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta; (vi) il-Kunsill appellat ma seta' qatt ihassar ir-registrazzjoni tal-appellant; u (vii) ir-rakkomandazzjoni lill-President ta' Malta sabiex il-licenzja professjonali tal-appellant tigi rtirata, kancellata jew revokata mhijiex gustifikata u hija f'kull kaz sproporzjonata.

Taht l-ewwel aggravju, l-appellant jishaq illi l-Kunsill appellat uza l-proceduri inkwistjoni sabiex jirrevedi decizjoni tieghu stess u dan meta mhux minnu li nstabu xi provi ta' mgieba hazina, nuqqasijiet professjonali, u wisq inqas falsifikazzjoni jew frodi jew rilaxxar ta' dokumenti qarrieqa. Jinsisti li mill-provi quddiem il-Kunsill appellat kellu jirrizulta li huwa kien wera kollox bil-quddiem u li kien ghadda d-dokumenti minn qabel, filwaqt li kienu l-Membri tal-Kumitat responsabbli mill-Hrug tal-Licenzji, li b'ammissjoni taghhom stess, naqsu milli jaraw id-dokumentazzjoni kollha mehtiega u l-kontenut taghha. Ghalhekk jinghad mill-appellant li kieku kellu jirrizulta xi rekwizit nieqes mill-applikazzjoni tieghu dan kellu jwassal ghal ri-evalwazzjoni u mhux li l-

Kunsill appellat jinqeda bil-proceduri inkontestazzjoni, jaghmel konsiderazzjonijiet gratuwiti u assunzjonijiet ta' htija sabiex jaghmel l-istess ri-evalwazzjoni. Jishaq li l-Kunsill appellat inqeda b'akkuzi serji fil-konfront tieghu, u dan minflok ma ghamel investigazzjoni u ha azzjoni kontra l-membri tal-Kumitat responsabbli mill-Hrug tal-Licenzji. Dan sar sabiex il-Kunsill appellat jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tal-Kumitat, li jopera fi hdan l-istess Kunsill. Dan sar bi hsara rrimedjabbli ghar-reputazzjoni tal-appellant u ghall-karriera tieghu. Konsegwentement jinghad li l-proceduri inkonstestazzjoni, fil-konfront tal-appellant saru ghal ragunijiet li mhumiex gustifikati.

Fir-risposta tieghu, il-Kunsill appellat jiccita l-Artikolu 31 tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta, li bih jinghata l-poter li jaghmel investigazzjonijiet dwar kull allegazzjoni ta' mgieba hazina professjonali jew ksur ta' etika minn professjonist fil-kura medika. Jinghad mill-istess Kunsill appellat li bhala l-entità li tirregola l-professjoni medika f'Malta, huwa obbligat li jassigura li l-valuri u l-i*standards* etici li fuqhom hija msejsa l-istess professjoni, jkunu mharsa u protetti. Rinfaccat bl-ittra tal-Kumitat ghall-Approvazzjoni ta' Specjalisti, il-Kunsill appellat kien korrett li jaghzel li jinvestiga l-allegazzjoni maghmula permezz tal-inkjesta inkwistjoni, li wasslet ghad-decizjoni datata 19 ta' April, 2017. Jghid ukoll, li fis-sustanza, l-appell in ezami, jikkonsisti f'kontestazzjoni ta' apprezzament ta' fatti maghmul mill-Kunsill appellat, li wasluh ghall-konkluzjoni li l-

akkuzi gew sodisfacentement ippruvati, kif jirrizulta mid-decizjoni tad-19 ta' April, 2017. Kwindi fil-fehma tal-Kunsill appellat dan l-aggravju ghandu jigi michud fl-intier tieghu.

Ghandu jinghad mal-ewwel, fir-rigward ta' dan l-aggravju, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 31 tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta li tirregola l-azzjoni dixxiplinari li jaqa' fil-kompetenza tal-Kunsill appellat u s-setgha tieghu li jinvestiga kull allegazzjoni ta' mgieba hazina professjonali jew ksur ta' etika, u sa fejn l-azzjoni mressqa minnu hija msejsa fuq l-istess binarji legali, ssib li l-Kunsill appellat ghandu ragun fir-rigward ta' dan l-ewwel aggravju. Dan jinghad ukoll peress li l-Artikolu 35 tal-istess ligi jaghti s-setgha lill-Kunsill appellat li johrog ordni li kitba tigi kkancellata mir-registru, jekk kemm-il darba tirrizulta li saret b'mod <u>frawdolenti jew mhix korretta</u>. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, jidher li l-Kunsill appellat, *prima facie* kellu s-setgha li jinvestiga l-allegazzjoni mressqa quddiemu f'dak l-istadju bikri meta ma kienux maghrufa l-fatti tal-kaz, senjatament jekk kienx hemm kaz ta' agir mhux xieraq da parti tal-appellant jew zball. Fil-fatt, l-avviz ta' inkjesta mahrug mill-Kunsill appellat, fil-31 ta' Awwissu, 2016, isemmi dawn iz-zewg artikoli tal-ligi.

Izda jehtieg li jigi ezaminat il-mertu tal-akkuzi, u l-fatti rizultanti quddiem il-Kunsill appellat, sabiex ikun jista' jinghad jekk il-Kunsill appellat qediex

is-setghat tieghu sew, jew huwiex responsabbli ghan-nuqqasijiet attribwiti lilu mill-appellant.

Dan iwassal ghall-ezami tat-tieni u r-raba' aggravji li ser jigu ndirizzati f'daqqa, inkwantu meqjusa relatati ma' xulxin. Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jishaq li l-akkuzi kollha fil-konfront tieghu ma jreggux peress li hadd ma ressaq imqar prova wahda li kien hemm xi falsifikazzjoni, frodi, dawwar jew zamm xi flus ta' haddiehor jew wettaq xi reati ohra bhal dawn.  Kif lanqas ma jirrizuta li l-appellant iffirma jew hareg xi certifikat, rapport jew dokument iehor li kien fih dikjarazzjonijiet foloz, qarrieqa jew mhux minnhom.  Anzi fir-rigward tat-tielet akkuza jinghad mill-appellant illi ressaq provi li juru li huwa dejjem ezercita livell gholi ta' kondotta u etika, mhux biss mal-pazjenti tieghu, izda anke mal-principal tieghu u mal-kollegi tieghu, kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti.  Jinsisti li d-dikjarazzjonijiet maghmula minnu kienu ta' natura veritiera u jekk il-Kumitat responsabbli mill-Hrug tal-Licenzji naqas milli jikkunsidrahom ma kellux jigi akkollat b'decizjoni ngusta, ibbazata fuq asserzjonijiet li mhumiex ippruvati u li ma jirrizultaw minn imkien, semplicement sabiex issir revizjoni tad-decizjoni tal-istess Kumitat.  Kwindi l-appellant jitlob li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni tal-Kunsill appellat inkwantu nstab hati.

Filwaqt li fir-raba' aggravju jinghad mill-appellant illi l-Kunsill appellat, fid-decizjoni tieghu, njora l-fatt li l-parti li l-appellant ma meliex fl-

applikazzjoni tieghu kienet kjarament indikata bhala *optional.* L-appellant jishaq li, ghalkemm ma meliex din il-parti tal-applikazzjoni, huwa ssottometta diversi dikjarazzjonijiet u dokumenti li permezz taghhom spjega s-sitwazzjoni tieghu u ghalhekk jinsisti li l-Kunsill appellat ma seta' qatt isibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Da parti tal-Kunsill appellat jinghad li, mid-decizjoni appellata, jirrizulta car li l-appellant, li kellu ismu mhassar mir-Registru Mediku fl-Ingilterra f'Gunju 2013, ghazel li ma jinkludix din l-informazzjoni fil-formola li permezz taghha applika sabiex jigi mnizzel fir-registru mizmum mill-Kunsill appellat ai termini tal-Artikolu 11, tal-Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan meta l-appellant kien jaf ben tajjeb li l-fatt li huwa ma kienx ghadu rregistrat seta' jkollu impatt sinifikanti fuq il-possibilità o meno tal-approvazzjoni tar-registrazzjoni tieghu f'Malta. Jispjega li c-certifikat relattiv, imsejjah *Certificate of Good Standard,* gie pprovdut xahar wara li saret l-applikazzjoni da parti tal-appellant. Jinsisti li l-fatt li seta' sar zball mill-membri tal-Kumitat responsabbli mill-Hrug tal-Licenzji, li lkoll xehdu fl-inkjesta inkwistjoni, ma jeskludix li seta' kien hemm imgieba censurabbli wkoll da parti tal-appellant innifsu. Dan irrizulta waqt il-kors tal-proceduri u wassal ghall-konkluzjoni kontenuta fid-decizjoni appellata. Jishaq li l-Kunsill appellat ghamel evalwazzjoni kkunsidrata u dettaljata tal-fatti u tal-provi kollha mressqa quddiemu u proprju ha d-decizjoni tieghu a bazi tal-istess. Fuq dan il-punt, il-Kunsill appellat

jaghmel referenza estensiva ghall-gurisprudenza ta' din il-Qorti li l-apprezzament maghmul minn Qorti tal-Prim'Istanza, u f'dan il-kaz minnu, bhala entità stabbilita bil-ligi u vestit bil-poter li jinvestiga u jiddeciedi certu kwistjonijiet, m'ghandux ikun disturbat sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi bizzejjed sabiex dan isir. Il-Kunsill appellat jargumenta li fil-kaz odjern m'hemm ebda raguni valida jew gravi, kif kontemplat fil-gurisprudenza citata minnu li jimmerita li l-apprezzament maghmul u d-decizjoni sussegwenti moghtija minnu tigi disturbata jew mhassra. Kwindi jinsisti li d-decizjoni tad-19 ta' April, 2017, moghtija mill-Kunsill appellat hija gusta u timmerita konferma, filwaqt li dan it-tieni aggravju wkoll ghandu jigi michud.

Inkwantu ghar-raba' aggravju, il-Kunsill appellat jispjega li fil-fehma tieghu dan l-aggravju wkoll jitratta apprezzament ta' fatti maghmul minnu. Jghid li meta l-appellant applika sabiex jigi inkluz fir-Registru Mediku f'Malta, huwa ma kienx irregistrat f'pajjiz membru tal-Unjoni Ewropeja. Jishaq li kienet l-ghazla tal-appellant li ma jiddikjarax dan il-fatt fl-applikazzjoni tieghu u ma ssottomettiex ic-certifikat relattiv. Ghalkemm il-Kunsill appellat jikkoncedi li s-sezzjoni inkwistjoni kienet immarkata *optional,* jibqa' l-fatt li d-decizjoni tieghu hija msejsa fuq evalwazzjoni tal-fatti kollha, inkluz l-agir tal-appellant, li ma jikkwalifikax fil-parametri ta' dak mistenni minn professjonist mediku.

Trattati t-tieni u r-raba' aggravji, din il-Qorti tirrileva li filwaqt li huwa minnu l-principju espost mill-Kunsill appellat, li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament maghmul minn Qorti tal-Prim'Istanza, jew f'dan il-kaz, Kunsill b'setghat kwazi-guddizzjarji li jiddeciedi, dan mhux xi principju assolut. Fis-sens li kif inghad mill-istess Kunsill appellat, bhala regola, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti (jew f'dan il-kaz il-Kunsill) huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bbazata fuqu tkun qed issir ingustizzja manifesta lejn xi parti. (Ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Formosa v. Salvu Debono**).

Ghalhekk dan ifisser li huwa mehtieg li din il-Qorti tezamina sew il-provi mressqa quddiem il-Kunsill appellat sabiex tiddeciedi jekk dan setax ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni li wasal ghaliha. Jibda billi jigi osservat illi, meta l-Kunsill appellat hareg l-avviz tal-inkjesta, illimita ruhu billi kkwota l-artikoli tal-ligi li a bazi taghhom kienet ser issir l-investigazzjoni dwar l-appellant. Minn ezami tal-istess avviz, ma nghataw ebda dettalji dwar l-agir specifiku, li bih kien qieghed jigi mputat l-appellant, kif lanqas ma jirrizulta z-zmien li fih suppost twettaq l-istess

agir, li kien suggett tal-istess inkjesta. Dan in-nuqqas kien rilevat mid-difensur li kien qieghed jassisti lill-appellant f'dawk il-proceduri. Proprju waqt l-ewwel seduta tas-27 ta' Settembru, 2016, jinghad hekk:

> *"Dr Mizzi: We have an issue because we don't quite understand what the accusation is. You know there is mention there of missing information* ***but exactly what it is that my client is supposed to have done or omitted to do is as yet unclear.***
> *"... …*
>
> ***"It is very difficult to you know defend a case without knowing one is accused of.***
>
> ***"… but what the fact that he accused of you know the fact with which he is accused is at this point in time I don't know. I would like that to be recorded."*** *(enfasi mizjud minn din il-Qorti).*

Dawn il-mistoqsijiet, filwaqt li gew debitament registrati, baqghu mhux imwiegba da parti tal-membri tal-Kunsill appellat. Il-fatt li fl-ewwel dehra quddiem il-Kunsill appellat l-appellant ma kienx mgharraf bid-dettalji tal-akkuzi li kienu qeghdin isiru fil-konfront tieghu, jirrizultaw ampjament mis-silta appena citata. Dan in-nuqqas huwa fih innifsu serju, peress li wassal lill-appellant fis-sitwazzjoni li ma setax jiddefendi ruhu b'mod xieraq, ladarba qatt ma gie nfurmat bid-dettalji tal-akkuzi, li kienu qeghdin isiru fil-konfront tieghu. In-nuqqas li l-appellant jinghata pre-avviz dwar id-dettalji tal-akkuzi, xellef l-opportunità li jiddefendi lilu nnifsu b'mod xieraq, u dan bi ksur tal-principju *audi alteram partem.*

Dwar l-importanza tal-pre-avviz, kif kellha okkazjoni tirrileva din l-istess Qorti, fis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Borg v. Awtorità dwar it-Trasport:**

> *"Kif osservat l-ewwel Qorti, il-principji ta' gustizzja naturali jirrikjedu li dak li jkun jinghata pre-avviz ta' dak imputat lilu, u li jinghata l-oppurtunita` jipprepara l-kaz tieghu u jiddefendi l-posizzjoni li jrid jadotta. L-agir tal-Awtorita` konvenuta effettivament icahhad lill-attur mid-dritt li jhares b'mod xieraq l-interessi tieghu. Fil-ktieb "Administrative Law" (<u>H.W.R Wade & C.F. Forsyth</u>, 10th Edit. Pagna 428), jinsab osservat li:*
>
> > *""...a proper hearing must always include a 'fair opportunity' to those who are parties in the controversy for correcting or contradicting anything prejudicial to their view. Lord Denning has added: "If the right to be heard is to be a real right which is worth anything, it must carry with it a right in the accused man to know the case which is made against him. He must know what evidence has been given and what statements have been made affecting him: and then he must be given a fair opportunity to correct or contradict them." ... **Disclosure of the charge or of the opposing case must be made in reasonable time to allow the person affected to prepare his defence or his comments. He must have fair notice of any accusation against him, and this is commonly included in the right to a fair hearing by calling it the right 'to notice and hearing'**."* (Enfasi mizjud minn din il-Qorti.)

Il-htiega li tribunali jew awtoritajiet ohra b'setghat kwazi-gudizzjarji, kif ghandu l-Kunsill appellat, iharsu b'mod skrupluz it-thaddim ta' dawn il-principji ta' gustizzja naturali, bhalma huwa l-principju ta' *audi alteram partem,* sabiex jigi salvagwardat id-dritt ta' smigh xieraq, ma jistax jigi enfasizzat bizzejjed.

Konsegwentement beda s-smigh tax-xhieda li kienet tikkonsisti f'li jixhdu dawk it-tliet membri tal-Kunsill Mediku (li astjenew milli jippartecipaw fis-smigh tal-proceduri inkwistjoni) li kienu membri wkoll tas-sottokumitat li

jezamina l-applikazzjonijiet u allura huwa responsabbli ghar-registrazzjoni u mill-hrug tal-licenzji. Dr Bryan Flores Martin jispjega l-procedura li biha jahdmu bhala Kumitat, fejn kull membru jara l-*files* tal-applikazzjonijiet b'mod indipendenti, imbaghad jiddiskutu l-kaz bejniethom, u f'kaz ta' nuqqas ta' qbil jipprezentaw il-kaz lill-Kunsill Mediku. Issa f'dan il-kaz ix-xhud ammetta li qabzitlu dik il-parti tac-*Certificate of Good Standing* li minnu jirrizulta li l-appellant kellu ismu mhassar mill-*General Medical Council* tar-Renju Unit, (minn hawn 'il quddiem imsejjah GMC), minkejja li dan kien jinsab prezenti fil-*file*.

L-istess jinghad mix-xhud Dr Doreen Cassar li tghid li sar zball meta giet ipprocessata l-applikazzjoni tal-appellant, fis-sens li ghalkemm ic-*Certificate of Good Standing* kien jinsab fil-*file*, dan ma kienx ezaminat kif suppost, zball li ngibilhom ghall-attenzjoni taghhom wara. Hekk ukoll il-membru l-iehor, Dr Alex Magri, spjega li ngibditilhom l-attenzjoni ghall-izball taghhom, peress li ma kienux indunaw li kien hemm it-thassir tal-isem tal-appellant mir-Registru Ingliz. Jispjega li meta rcevew l-applikazzjoni tal-appellant sabiex jigi mnizzel fir-Registru Malti, filwaqt li vverifikaw li kien hemm ic-*Certificate of Good Standing* mahrug mill-GMC, ma nnutax li kien hemm specifikat it-thassir ta' isem l-applikant, peress li ma vverifikax il-kontenut tal-istess certifikat.

Sussegwentement, f'seduta ohra xehdet Gillian Mifsud, fil-kariga taghha ta' Registratur tal-*Medical Specialist Accreditation Committee.* Hija spjegat li fid-29 ta' April, 2016, l-appellant applika sabiex jigi nkluz fis-*Specialist Registrar for Family Medicine.* Hija rreferiet id-dokumentazzjoni lil *Malta College of Family Doctors*, li talbuha sabiex l-applikant (l-appellant f'dawn il-proceduri) jissottometti certu dokumentazzjoni. L-appellant issottometta xi dokumenti, izda mhux dak mitlub. Konsegwentement il-*Malta College of Family Doctors* ipprepara rapport li fih inghad li waqt l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni rrizultalhom li l-applikant kellu ismu mhassar minn fuq ir-registru tal-GMC. Kien hawn li ngibdet l-attenzjoni tal-Kunsill Mediku, bhala regolatur tal-kondotta u l-agir tal-professjoni medika, u twaqqaf il-process da parti taghhom.

Fl-ahhar xehed l-appellant, fejn qal li filwaqt li d-decizjoni li jithassar ismu minn fuq ir-Registru Ingliz ittiehdet f'Lulju, 2013, huwa ma ppratikax il-professjoni fl-Ingilterrra wara din id-data. Mill-atti tirrizulta d-decizjoni tal-*Public Fitness to Practise Panel of the Medical Practitioners Tribunal Service* li bih ittiehdet id-decizjoni li jithassar isem l-appellant minn fuq ir-registru. Tirrizulta wkoll is-sentenza tal-10 ta' Lulju, 2014, li permezz taghha l-appellant inghata l-permess li jappella mid-decizjoni tal-*High Court in the Administrative Court at Manchester* dwar it-thassir ta' ismu mir-registru. Izda mill-atti ma jirrizultax li l-appellant ressaq xi azzjoni legali ulterjuri. L-appellant jispjega l-esperjenza vasta li kellu l-

Ingilterra, kif ukoll jesebixxi dikjarazzjonijiet minn tobba Maltin. Dr Alex Portelli, permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub, jghid illi l-appellant kien ilu jahdem mieghu ghal din l-ahhar sena, fejn jinsab deskritt bhala tabib eccellenti, kuxjenzuz kemm mal-pazjenti, kif ukoll dhuli mal-kollegi u ta' rispett mas-superjuri. Jghid li huwa kien jaf bil-kaz fl-Ingilterra li wassal ghat-thassir ta' isem l-appellant mir-registru, sa mill-bidu, peress li l-appellant kien onest mieghu hu kien lest li jimpjegah jekk jirnexxilu jigi registrat mill-Kunsill appellat. Jiddeskrivi lill-appellant bhala professjonali u ta' etika soda u li jisthoqqlu jzomm ir-registrazzjoni lokali, sabiex jibqghu jibbenefikaw il-pazjenti mill-kura tieghu. L-istess kliem ta' tifhir jinghad minn Dr Peter Ferry, kemm mil-lat kliniku, kif ukoll mil-lat akkademiku. Huwa wkoll kien konxju tal-problemi li kellu l-appellant mal-GMC fir-Renju Unit, izda mill-esperjenza tieghu mieghu fl-ahhar sena, l-agir tal-appellant kien ta' livell sodisfacenti u ma kellu ebda esperjenza negattiva mieghu. Fuq l-istess linji hija l-ittra mahruga minn Robert Grech, Manager fi hdan Livelife Group Limited, li impjegat l-appellant.

Trattati l-provi migbura quddiem il-Kunsill Mediku, imiss li ssir analizi tad-decizjoni tal-Kunsill appellat. Fid-decizjoni jinghad car li minkejja li d-dokumentazzjoni kollha kienet a disposizzjoni tal-Kumitat responsabbli mill-Hrug tal-Licenzji, it-tliet membri naqsu milli jinnutaw li c-*Certificate of Good Standing* prodott mill-appellant, kien jispecifika li

ismu kien thassar mir-Registru tal-GMC Ingliz. Dan il-punt qajjem thassib u kien ritenut meritevoli ta' attenzjoni jew revizjoni tas-sistema ta' *checks and balances* fl-ipprocessar ta' applikazzjonijiet mill-istess Kumitat. In-nuqqas li jigi attribwit lill-appellant, fid-decizjoni appellata, huwa li fl-applikazzjoni originali tieghu, ic-*Certificate of Good Standing* ma kienx inkluz u gie sottomess fi stadju ulterjuri. Jinghad li l-appellant halla vojta d-dettalji ta' registrazzjonijiet li huwa kellu qabel ma' awtoritajiet ohra u li konsegwentement zvija lill-Kunsill permezz tal-applikazzjoni tieghu. L-appellant kien ben konxju li minkejja li ssottometta c-*Certificate of Good Standing,* ghalkemm awtentiku, ma kienx jilhaq il-kriterji mehtiega ghar-registrazzjoni tieghu hawn Malta.

Ghandu jinghad mal-ewwel li fil-fehma ta' din il-Qorti l-konkluzjoni tal-Kunsill appellat hija wahda *non sequitur.* Jibda billi jinghad illi minn ezami tal-applikazzjoni tal-appellant tal-15 ta' Mejju, 2015, kif gustament osservat minnu, dik il-parti ntitolata "*Registration Status",* hija specifikatament senjalata bhala "*optional*". Inoltrè, l-applikant appellant issenjala l-frazi li hemm indikata fl-istess applikazzjoni, li huwa lest li jissottometti l-informazzjoni kollha mehtiega, jekk kemm-il darba jintalab li jaghmel dan, min-naha tal-Kunsill Mediku. F'korrispondenza li ghaddiet bejn il-kontendenti fil-kawza fit-28 ta' Mejju, 2015, l-applikant appellant issottometta kemm kopji ccertifikati tat-*transcripts*, kif ukoll korrispondenza li tixhed li l-applikant informa lill-Kumitat bil-problema li

kellu fir-Renju Unit, kif ukoll kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Civili) tal-10 ta' Lulju, 2014, li kienet tat lill-appellant il-permess li jappella, minn ordni mahruga mill-*High Court in the Administrative Court at Manchester,* proprju dwar it-thassir ta' isem l-appellant mir-registru. Sussegwentement il-GMC hareg *Certificate of Current Professional Status* fil-5 ta' Gunju, 2015 u l-Kunsill appellat hareg ittra ta' taghrif lill-appellant ghal dawn id-dokumenti kollha.

Dan kollu appena espost ixejjen ghall-kollox dik il-parti tad-decizjoni li fiha jinghad li l-appellant ipprova b'xi mod jizvijja lill-Kunsill appellat bl-applikazzjoni tieghu, peress li tassew jista' jinghad li l-appellant kien onest fil-kontenut tad-dokumenti mressqa minnu quddiem il-Kunsill. Tabilhaqq huwa ritenut li ma tezisti ebda prova li setghet ragjonevolment twassal lill-Kunsill appellat ghad-decizjoni tieghu u ghalhekk it-tieni aggravju tal-appellant jimmerita li jintlaqa'. Kwindi din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant instab hati tal-akkuzi ta' frodi jew li hareg xi certifikat jew dokument sabiex jisvija lill-Kunsill jew liema agir iehor li mhux xieraq li bih gie imputat l-appellant fil-proceduri in ezami. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Kunsill appellat abdika mid-doveri tieghu u pprova jaghmel tajjeb ghall-izball goff tal-Kumitat responsabbli mill-Hrug tal-Licenzji li skarta ghall-kollox il-kontenut tad-dokumenti sottomessi mill-appellant. Isegwi li din il-Qorti mhix sodisfatta li d-decizjoni mehuda mill-Kunsill appellat kienet wahda ragjonevoli fid-dawl tar-rizultanzi tal-

fatti mressqa quddiemu, kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' opportunità li nghatat lill-appellant li jiddefendi l-kaz tieghu b'mod xieraq.

Fil-kuntest tar-ragjonevolezza fit-tehid tad-decizjoni tal-Kunsill appellat, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Dicembru 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Denise Buttigieg v. Rettur tal-Universita` ta' Malta et** li ghamlet kunsiderazzjonijiet proprju fuq dan il-punt u rriteniet illi:

> *"F'dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet guridici bazati fuq insenjament anki tal-Qrati Inglizi. Illi fis-sentenza Neg.Ugo Pace vs Prof.Joseph Anastasi Pace noe din il-Qorti, diversament presjeduta, ghamlet referenza ghall-kawza Giorgio Demarco et noe vs James Turner ne et fejn gie ntravvedut ir-rekwizit tar-"reasonable exercise". "It-tests" ta' "unreasonableness" fl-esercizju ta' poteri simili gew enuncjati fil-kawza Kruse vs Johnson 1898 b'dan il-mod:*
>
> > *""If they are manifestly unjust"; "if they disclosed bad faith"; if they could find no justification in the minds of reasonable men."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, certament ma jistax jinghad li d-decizjoni tal-Kunsill appellat kienet wahda ragjonevoli. Din il-Qorti ma tara l-ebda mod kif jista' jinghad li kien hemm xi mgieba censurabbli da parti tal-appellant fil-process tal-applikazzjoni tieghu sabiex jitnizzel fir-Registru Mediku ta' Malta, kif jittanta jghid il-Kunsill appellat. Ma jirrizulta xejn li, b'xi mod, jista' jigi karettirizzat bhala *malpractice* da parti tar-rikorrent u ma jirrizultax illi huwa wera xi nuqqasijiet relatati mal-professjoni tieghu. Huwa ghadda l-informazzjoni kollha relattiva lill-

Kumitat responsabbli mill-Hrug tal-Licenzji, u ghan-nuqqasijiet ta’ dan il-Kumitat m’ghandux iwiegeb l-istess appellant.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-principji ta’ gustizzja naturali ma gewx osservati fil-konfront tal-appellant, kemm ghall-fatt li ma kienx mgharraf bid-dettalji tal-akkuzi li sab ruhu rinfaccat bihom, u ghalhekk ma setax jiddefendi ruhu b’mod xieraq, kif ukoll lanqas seta’ qatt ikun f’posizzjoni li jaghmel dan, meta jidher li n-nuqqasijiet tal-Kumitat responsabbli mill-Hrug tal-Licenzji, jigu ngustament akkollati lilu, minkejja li ma jirrizulta ebda nuqqas da parti tal-istess appellant fil-process tal-applikazzjoni tieghu ghar-registrazzjoni mal-Kunsill Mediku. Jigi osservat li fil-kuntest tal-principji ta’ gustizzja naturali, inghad *a propositu*, li n-nullita` ta’ xi decizjoni ghandha tigi pronunzjata, anke jekk l-istess decizjoni tkun sostanzjalment gusta. Lord Wright fil-kawza Ingliza, **General Medical Council v. Spackman**, deciza mill-House of Lords fl-1943, osserva:

> *“If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision.”*

Hekk ukoll f’dan il-kaz, huwa ritenut li d-decizjoni tal-Kunsill appellat hija difettuza u timmerita li tithassar. Dan kif, wara kollox, jitlob l-appellant taht is-sitt aggravju tieghu u ghalhekk isegwi li anke s-seba’ aggravju ghandu jintalqa’, inkwantu huwa ritenut li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill appellat lill-President ta’ Malta sabiex il-licenzja professjonali tal-

appellant tigi rtirata, kancellata jew revokata, mhijiex gustifikata tenut kont tar-rizultanzi appena esposti. Fid-dawl tal-istess rizultanzi, mhux ritenut mehtieg li din il-Qorti tinvesti ulterjorment 'il bqija tal-aggravji mressqa mill-appellant.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrent Dr Fazal Hussain, billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka d-decizjoni li ha l-Kunsill Mediku ta' Malta fid-19 ta' April, 2017, u tibghat l-atti lura lill-Kunsill appellat.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Kunsill Mediku appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld